**102. L-Onor. Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati:

Wara li rat il-ftehim milħuq bejn il-Gvern ta’ Malta u l-Kunsill Dinji dwar it-Tolleranza u s-Sliem (*Global Council on Tolerance and Peace - GCTP*) sabiex dan il-Kunsill jistabbilixxi s-sede tiegħu f’Malta, u li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-Gvern ta’ Malta jikkonċedi immunitajiet u privileġġi diplomatiċi lill-imsemmi GCTP u l-uffiċjali tiegħu, u entitajiet li jiffurmaw parti minnu, skont l-użanzi internazzjonali, u kif elenkati fl-istess ftehim;

Wara li kkunsidrat ukoll il-paragrafu (c) tas-subinċiż (l) tal-artikolu 5 tal-Att tal-1966 dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi (Kap. 191) illi jistabbilixxi illi tali immunitajiet u privileġġi jistgħu jiġu estiżi għal kull organizzazzjoni li l-Kamra tad-Deputati tista’ b’Riżoluzzjoni tiddikjara li tkun organizzazzjoni li magħha Malta, jew il-Gvem ta’ Malta, tkun ser tistabbilixxi jew tkun stabbiliet relazzjonijiet kontrattwali;

Tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta’ Malta sabiex jiġu konċessi immunitajiet u privileġġi diplomatiċi lill-Kunsill Dinji dwar it-Tolleranza u s-Sliem (*Global Council on Tolerance and Peace - GCTP*).

28.02.2018